



Brussell, 17 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9767/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0091(NLE)

SCH-EVAL 84
ENFOPOL 182
COMIX 319

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9087/20	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar-Repubblika tal- Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fis-16 ta' Lulju 2020.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbiliet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda lill-Polonja azzjonijiet korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2019. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-kostatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2020) 900.
- (2) Fid-dawl tal-importanza li jkun hemm konformità mal-*acquis* ta' Schengen, b'mod partikolari r-rekwiżiti għall-aċċess u l-iskambju rapidi tal-informazzjoni u kondizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-qafas operazzjonali transfruntier, jenħtieġ li tingħata prijorità biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet 1, 2, u 3 ta' hawn taħt.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (3) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Istat Membru evalwat, konformi mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha sabiex ikun ikkoreġut kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u jipprovdi dan il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

B'DAN JIRRAKKOMANDA:

li l-Polonja jenħtieġ li:

1. Tqajjem kuxjenza dwar id-disponibbiltà u l-funzjonalitajiet tal-bażijiet tad-data tal-UE/internazzjonali billi tipprovdi aktar taħriġ kontinwu fil-fond lill-pulizija kollha dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u l-użu tal-bażijiet tad-data internazzjonali (inklużi l-pjattaformi ta' taġlim elettroniku faċli għall-utent).
2. Ittejjeb it-translitterazzjoni u t-tiftix b'loġika fuzzy kif ukoll il-faċilità tal-użu għall-utent tal-interfaċċi għat-tiftix uniċi (SPP u SWD).
3. Tipprovdi struzzjonijiet ċari u mhux ambigwi dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu wara hits imqabbla mal-bażijiet tad-data tal-UE/internazzjonali.
4. Tuża s-sistema tal-fluss tax-xogħol tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC, Single Point of Contact) għaċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs, Police and Customs Cooperation Centres), għall-uffiċjali ta' kollegament Pollakki u għall-Uffiċjali ta' Kuntatt għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija fir-reġjuni.
5. Tadotta linji gwida ċari għas-servizzi involuti mal-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija dwar l-għażla tal-mezz ta' komunikazzjoni għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija bħas-SIS/SIRENE, l-Interpol, iċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCC), l-uffiċjali ta' kollegament.

6. Tiżviluppa strateġija inklużiva ta' valutazzjoni tar-riskju jekk possibbli bl-input mill-awtoritajiet kollha tal-infurzar tal-liġi bil-ħsieb li jinħolqu prodotti strateġiċi sabiex jiġu identifikati theddid kriminali, riskji u ippjanar tattiku ta' appoġġ fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni internazzjonali.
7. Tuża SIENA għall-Amministrazzjoni tad-Dħul Nazzjonali.
8. Tintroduċi Livell ta' Protezzjoni Bażiku ta' SIENA għaċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs) hekk kif din il-verżjoni ssir disponibbli.
9. Tippromwovi l-użu tal-għodda ta' traduzzjoni online tal-Interpol.
10. Ittejjeb is-sistema tal-fluss tax-xogħol għall-awtomazzjoni tat-tiftix tad-data mdaħħla fiha minn talbiet li jidħlu fil-bażijiet tad-data nazzjonali.
11. Tiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ u ta' kontroll fis-sistema tal-fluss tax-xogħol tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC, Single Point of Contact).
12. Tintegra l-Bażi tad-Data tad-Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD, Stolen and Lost Travel Documents) f'interfaċċi tat-tiftix uniċi (SPP u SWD).
13. Tagħti lill-uffiċjali ta' kollegament aċċess dirett għall-bażijiet tad-data tal-pulizija nazzjonali.
14. Tqajjem kuxjenza dwar il-potenzjal tad-Deċiżjoni Kwadru Żvediża.
15. Tqajjem kuxjenza dwar l-aċċess għal skopijiet tal-infurzar tal-liġi għal data bijometrika fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System)¹.
16. Tibda diskussjonijiet mar-Repubblika Ċeka sabiex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim bilaterali ta' kooperazzjoni tal-pulizija għas-sorveljanza transkonfinali.

¹ Konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (id-Deċiżjoni VIS).

17. Tevalwa l-valur miżjud taċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCCs) fuq il-fruntieri mal-Litwanja, is-Slovakkja, u r-Repubblika Ċeka fid-dawl tal-ammont ta' xogħol limitat tagħhom.
18. Ittejjeb l-użu u r-rwol tal-Uffiċjali ta' Kuntatt għall-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija fil-livell reġjonali għal involviment aktar komprensiv u għal promozzjoni tal-kooperazzjoni tal-pulizija, jiġifieri permezz tat-taħriġ u l-użu tal-ġhodod internazzjonali fuq il-livell reġjonali.
19. Tiżviluppa taħriġ speċifiku għall-persunal tal-Punt Uniku ta' Kuntatt (SPOC) / taċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana (PCCC) u għall-uffiċjali ta' kollegament.
20. Toħloq intranet tal-pulizija nazzjonali li jkun strutturat u faċli biex jintuża li jinkludi informazzjoni rilevanti dwar il-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President